MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 89/2001/1

**Maltacom plc**

**vs**

**VSS Tal-Handaq Ltd.**
**U b'digriet tal-15 ta' Novembru 2002 l-isem gie mibdul biex jaqra'**
**VSS Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

89/01
(VSS Tal-Handaq)

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi s-socjeta' Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta' konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-

taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-tlieta (3) ta' Settembru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u t-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Illi s-socjeta' konvenuta naqset li thallas is-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin (Lm207.00) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avvizi Legali 219 u 220 ta' l-1998), u dana nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata ghoxrin (20) ta' Dicembru 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

1. "Illi fl-ewwel lok jigi relevat illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut u ghalhekk is-socjeta' Maltacom plc mhijiex il-legittimu kontradittur.
2. Ill fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, is-socjeta' attrici qatt ma ghamlet servizzi t'approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet.
3. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghal premess, is-socjeta' konvenuta mhijiex debitrici versu s-socjeta' attrici ghal ebda ammont ta' flus.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Sema' x-xhieda mressqa mill-partijiet u ra d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi rigward it-tieni eccezzjoni, dan it-Tribunal, kif ippresedut mill-gudikatur Dr Anthony Ellul, diga' kellu l-opportunita' jaghti decizjoni parzjali (**Maltacom plc vs ICL Malta Limited- Avviz Nru 1847/01 AE – 04.06.2002)** fejn ikkonferma li tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u li s-socjeta' attrici kellha dritt titlob hlas. Ghal kull buon fini u a skans ta' ripetizzjoni, it-Tribunal qieghed jaddotta r-

ragunament maghmul f'dik is-sentenza. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qieghdha tigi michuda.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni, l-avviz legali 220 tal-1998 jistabbilixxi d-dritt li ghandu jithallas ir-Regolatur ghas-servizz ta' Approvazzjoni ta' Tip dwar Taghmir Ghat-Telekomunikazzjoni. Pero' m'hemm stabbilit ebda dritt ghal min, bhas-socjeta' attrici, kien qieghed jaghmel dan ix-xoghol bhala espert mahtur in forza tal-Artiklu 26 tal-Att XXXIII tal-1997. Wiehed ma jistax jippretendi li l-ghoti tas-servizz min-naha tas-socjeta' attrici ghandu jkun minghajr hlas. L-anqas ma jista' jinghad li ma kienx qieghed jinghata servizz, u dan peress li minghajr l-awtorizzazzjoni mahruga mis-socjeta attrici ma setatx tigi rilaxxjata l-merkanzija mid-Dwana: *omne labor optat premium.* Galadarba d-dritt dovut lis-socjeta' attrici ma giex iffissat b'ligi u l-anqas jirrizulta li bejn il-kontendenti sehh ftehim dwar il-hlas, huwa mholli ghat-Tribunal li jiffissa l-hlas misthoqq wara li jqis ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, u jiehu bhala gwida r-rati stabbiliti fl-avviz legali 220 tal-1998.

Is-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda prova dwar l-entita' ta' xoghol li sar f'dan il-kaz partikolari. Dokument JA-3, esibit mis-socjeta' attrici nnifisha (fol 30 tal-process) juri x-xoghol li suppost isir sabiex ikun hemm it-*type approval*: fost affarijiet ohrajn, l-applikant suppost kellu jissottometti lis-socjeta' attrici bhala esperta f'approvazzjoni ta' tip ta' taghmir ta' terminal ta' telekomunikazzjoni, kampjun tal-apparat li jkun sejjer jigi mportat; liema apparat imbaghad kellu jigi ttestjat mis-socjeta' attrici *according to standards and technical basis for regulation issued by European Telecommunications Standards Institute ETSI.* Minn dan kollu fil-kaz prezenti ma sar xejn, u dan gie kkonfermat mhux biss mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta imma wkoll minn rapprezentant tal-Air Cargo Logistics Limited li kienet inkarikata tohrog il-prodott mid-Dwana u tghaddih lis-socjeta' konvenuta. La ntalbet il-*literature* relattiva ghall-prodott u l-anqas intalab kampjun tieghu sabiex ikunu jistghu isiru t-testijiet relattivi. Mhux biss, tant ma sarx iccekkjar, l-anqas l-iktar baziku, mis-socjeta' attrici li

*telefone* normali gie erroneament ikklassifikat bhala *hall porter*.

Fil-verita ghalhekk, ghalkemm inghata t-timbru, fil-verita' s-servizz kien qed jammonta ghall-ittimbrar tad-dokument relativ ghall-iskopijiet tad-Dwana, u ghal dak it-timbru s-socjeta' attrici qed terfa' responsabilita' u tipprezumi li l-apparat mhux sejjer jinterferixxi mas-sistema ta' komunikazzjonijiet.

F'dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* u b'applikazzjoni tal-ekwita', jiffissa s-somma ta' LM 60 bhala hlas dovut lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta u jilqa' t-talba limitatament ghas-somma ta' LM60 bl-imghax millum.

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu minghajr taxxa mehud in konsiderazzjoni l-ammont li gie ffissat mit-Tribunal.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur